# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum it-Tlieta, 21 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 8**
**Rikors Numru : 177/2017/LSO**

**Marcus John Scicluna (K.I. 617564M) Marshall bhala amministratur tal-beni tal-mejjet Markiz John Scicluna**

**vs**

**Doris Mary Gatt (K.I.0241362M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' Marcus John Scicluna Marshall (K.I. 617564M) bhala amministratur tal-beni tal-mejjet Markiz John Scicluna datat 24 ta' Frar 2017 fejn ikkonferma:

> Illi r-rikorrent huwa proprjetarju ta' fond, konsistenti f'appartament internament innumerat bin-numru wiehed (1) u formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru erbgha u ghoxrin (24) li jinsab gewwa Triq il-Foss, il-Birgu;

L-intimata qieghda tokkupa jew tippretendi xi dritt fuq, l-imsemmi fond, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* illi l-intimat qieghed jokkupa jew jippretendi xi dritt fuq, l-imsemmi fond, minghajr ebda titolu validu fil-ligi u li fil-fehma tar-rikorrent, l-intimata m'ghandhiex eccezzjoniiet x'taghti kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna, joghgobha tisma' u tiddeciedi it-talbiet tar-rikorrent bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata qed tokkupa jew tippretendi xi dritt fuq il-fond, konsistenti f'appartament

internament innumerat bin-numru wiehed (1) u formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru erbgha u ghoxrin (24) li jinsab gewwa Triq il-Foss, il-Birgu, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna l-izgumbrament ta' l-intimata mill-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-intimata ghas-subizzjoni. B' riserva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lir-rikorrent, inkuza dik ghad-danni minnu sofferti minhabba l-okkupazzjoni illegali da parti tal-intimata.

Rat id-digriet tat-28 ta’ Frar 2017 (fol 3) fejn il-Qorti appuntat r-rikors ghas-seduta ta’ nhar il-21 ta’ Marzu 2017 fid-9:30am, b’ ordni lill-intimata biex tidher f’dik il-gurnata u twiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnifuh ir-rikors billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti ordnat in-notifika tal-avviz tas-smigh tar-rikors lill-partijiet permezz tal-purtier.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 21 ta’ Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Jonathan Abela Fiorentino li assocja ruhu fil-patrocinju tal-attur ma' Dr Stephen Muscat. Prezenti l-konvenuta, mhux assistita li gharrfet lill-Qorti li hi ftehmet mar-rikorrent, mhux prezenti, li hija taccetta li tohrog mill-fond u kull ma fadlilha hu li tbattal l-oggetti taghha minn hemm.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Rat ir-rikors.

Rat li l-intimata pprezentat ruhha f'din is-seduta u affermat li hemm ftehim fejn accettat li tizgombra mill-fond.

Rat li ghalhekk l-intimata ammettiet ghat-talbiet.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghal fini tat-tieni talba tordna lill-intimata biex tizgombra mill-fond fiz-zmien perentorju ta' xahar mil-lum.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu 2017**